MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 135/2003

**Mob*isle* Communications Limited**

**vs**

**WWW.Travel TV plc**

**Il**-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, hames mija u erbgha u hamsin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm3,554.36), liema somma tirraprezenta bilanc ta’ prezz dovut mis-socjeta’ konvenuta lil Mob*isle* Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi lilha mill-istess Mob*isle* Communications Limited fix-xhur bejn April, 2002 u Awissu, 2002 u dan in segwitu ta’ u skond Client Contract Number 05248, liema kuntratt huwa ffirmat minnha stess.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-20 ta’ Dicembru, 2002 u tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz ghas-smiegh u bl-imghaxijiet, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-25 ta’ April, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------